

**Brussell, 19 ta' Diċembru 2022
(OR. en)**

**16135/22
ADD 1**

**ENER 696
ENV 1319
TRANS 796
ECOFIN 1349
RECH 666
CLIMA 684
IND 563
COMPET 1046
CONSOM 345
DELECT 232**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 9267 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/... dwar ir-reviżjoni tal-fattur tal-enerġija primarja għall-elettriku fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 9267 final - ANNEX.

Mehmuż: C(2022) 9267 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2022
C(2022) 9267 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/...

**dwar ir-reviżjoni tal-fattur tal-enerġija primarja għall-elettriku fl-applikazzjoni tad-
Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

ANNEX

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2012/27/UE, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(3) Applikabbli meta l-iffrankar tal-enerġija jiġi kkalkolat f'termini ta' enerġija primarja fejn jintuża approċċ minn isfel għal fuq ibbażat fuq il-konsum tal-enerġija finali. Għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku, l-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent stabbilit permezz ta' metodoloġija trasparenti fuq il-bażi ta' ċirkostanzi nazzjonali li jaffetwaw il-konsum tal-enerġija primarja, sabiex jiġi żgurat kalkolu preċiż ta' kemm jiġi ffrankat fil-verità. Dawk iċ-ċirkostanzi għandhom ikunu sostanzjali, verifikabbli u bbażati fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku l-Istati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent awtomatiku ta' 1,9 jew jużaw id-diskrezzjoni tagħhom biex jiddefinixxu koeffiċjent differenti, bil-kundizzjoni li jkunu jistgħu jiġġustifikawh. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-taħlita ta' enerġetika inkluża fil-pjani nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima li għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Sal-25 ta' Diċembru 2022 u kull erba' snin sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-koeffiċjent awtomatiku abbażi ta' *data* osservata. Dik ir-reviżjoni għandha ssir filwaqt li jitqiesu l-effetti tagħha fuq liġijiet oħra tal-Unjoni bħad-Direttiva 2009/125/KE u r-Regolament 2017/1369/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jstabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).”